

# Nidħlu ġewwa għand il-Qriema tas-sekli 16 u 17



*Kitba ta' Alistair-Paul Borg B.A. (Hons.), M.A. History*

Kulħadd jaqbel li l-maġġoranza tal-familji Qriema illum il-ġurnata, bħal bqija tal-Maltin, huma familji żgħar, ta' madwar erba' jew ħames persuni, fejn ir-raġel f'ċertu każi anke il-mara jaħdmu xogħol full-time il-bogħod mid-dar tagħhom. Kawża ta' dawn l-impenji t-tfal saru minn ċkunithom iqattgħu l-biċċa l-kbira tal-ħin man-nanniet jew ma' xi qarib ieħor. Kulħadd jaqbel ukoll li għal ħafna familji ż-żwieġ illum sar festa kbira li tirrikjedi xogħol kbir u spejjeż esaġerati. Ħafna koppji jħobbu jorganizzaw it-tieġ tagħhom fix-xhur tar-Rebbiegħa: April, Mejju jew Ġunju l-aktar f'xi ġurnata ta' tmien il-ġimgħa jew lejliet xi festa pubblika. It-tfal li jitwieldu minn dawn iż-żwiġijiet jiġu mgħammda nhar ta' Ħadd jew f'xi festa kmandata, ħafna drabi numru ta' ġimgħat wara t-twelid tat-tarbija. Fuq nota differenti ninnutaw li llum il-biċċa l-kbira tal-Qriema jiltaqgħu mal-mewt fi xjuħithom wara li jkunu għexu ħajja twila ta' madwar 75 sena, fil-waqt li l-kawżi tal-mewt ivarjaw minn mard inkurabbli għal inċidenti tat-traffiku u abbużi mid-droga. Rari nisimgħu b'imwiet ta' żgħażagħ u l-ftit każi li jseħħu jkunu fil-maġġoranza relatati ma' sewqan esaġerat jew droga. Aktar rari, mill-banda l-oħra, huma l-imwiet ta' trabi u ta' tfal ċkejkna.

Tassew li l-ħajja għall-familji Qriema tas-sekli 16 u 17 kienet bil-wisq differenti. Ir-raġel, bħala kap tal-familja, kellu l-obbligu jaħdem biex jaqla' l-għixien tal-familja tiegħu, fil-waqt li l-mara kienet tqatta' l-ħin tagħha d-dar, trabbi u tieħu ħsieb l-ulied. Ħal Qormi f'dan il-perjodu kien raħal pjuttost rurali u għalhekk il-biċċa l-kbira ta' l-irġiel Qriema kienu jaħdmu bħala bdiewa jew raħħala fl-egħlieqi tal-madwar. Ix-xogħol tas-snajja lanqas ma kien nieqes u għalhekk insibu wkoll numru mdaqqas ta' rġiel jaħdmu f'xi sengħa partikolari u jġorru t-titolu ta' Maestro. Xi rġiel oħra, li iżda kienu f'minoranza assuluta, kienu jaħdmu bħala baħħara, baħrin jew suldati fuq il-baħar. Mill-banda l-oħra, ftit li xejn kont issib nisa jaħdmu u għalhekk naraw li l-mara kienet totalment tiddependi fuq ir-raġel għall-għixien tagħha. Qabel iż-żwieġ kien ikun missierha jew xi qarib ieħor li kien jagħmel tajjeb għaliha fil-waqt li wara ż-żwieg ir-raġel kellu l-obbligu jieħu ħsieb il-manteniment tagħha u ta' uliedha. B'hekk wieħed jista jifhem aktar kemm iż-żwieġ kien bżonnjuż għall-mara f'dan il-perjodu. Ma kinitx ħaġa rari li mara mingħajr raġel kienet tispiċċa tgħix ħajjitha f'faqar kbir u dan jidher biċ-ċar anke fl-atti ta' l-imwiet ta' Ħal Qormi, fejn nisa bħal dawn spiss huma deskritti bħala poveri jew poverissimi. Ħafna familji bi tfal bniet kienu konxji minn dan il-periklu ta' faqar għat-tfal tagħhom u għalhekk, sa minn ċkunithom, ġieli kienu jfittxu jlestulhom l-arranġamenti taż-żwieġ.

Intant insibu li bejn l-1563 u l-1634 ġew irreġistrati 1004 iżwieġ fil-parroċċa ta' San Gorg li permezz tagħhom nistgħu ninnutaw li l-Qriema kienu jippreferu jiżżewġu fix-xhur tal-Ħarifa u x-Xitwa, speċjalment fil-jiem ta' Settembru, Frar u Novembru. Ħafna minn dawn iż-żwiġijiet ġew iċċelebrati fi tmiem il-ġimgħa, l-aktar il-Ħadd u xi kultant anke s-Sibt. Mill-banda l-oħra x-xhur ta' Marzu, Diċembru u Mejju kienu l-anqas favoriti u dan għal diversi raġunijiet soċjo-reliġjużi li f'dak il-perjodu kellhom sinnifikat kbir. Naraw li x-xahar ta' Mejju, per eżempju, kien meqjus bħala xahar sfortunat għall-koppji li jiżżewġu.

Din is-superstizzjoni diġa' kienet teżisti fl-hekk imsejjaħ Żmien Nofsani jew Medju Evu u jidher li kienet għadha titwemmen anke lejn l-aħħar tas-seklu tmintax. Marzu u Diċembru, mill-banda l-oħra, jaħbtu x-xhur tar-Randan u l-Avvent, żewġ perjodi ta' astinenza u riflessjoni li fihom il-Knisja, bħala preparazzjoni għall-festi tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Milied, kienet tiskoraġġixxi ċelebrazzjonijet u avvenimenti pjaċevoli bħaż-żwieġ. Il-Konċilju ta' Trentu, li kien għadu kif intemm fl-1563, enfasizza l-importanza ta' dawn iz-zewg perjodi li fihom in-nisrani kellu joqgħod lura minn ċertu pjaċiri tal-ħajja. Naraw, għalhekk, li minn total ta' 1004 iżwieġ f'Ħal Qormi bejn l-1563 u l-1634, madwar 41 biss gew iċċelebrati fir-Randan fil-waqt li 22 oħra gew iċċelebrati fl-Avvent. Dawn l-ammonti żgħar juru biċ-ċar li l-koppji Qriema obdew bis-sħiħ id-direttivi tal-Knisja post-Tridentjana. Il-ftit koppji li żżewġu, mill-banda l-oħra, probabbli kellhom raġunijiet speċjali biex għamlu dan, bhal per eżempju, tqala qabel iż-żwieġ jew safar imminenti ta' l-għarus.

Interessanti naraw, f'dan il-kuntest, li l-biċċa l-kbira taż-żwiġijiet, 824, gew iċċelebrati bejn għarajjes residenti f'Ħal Qormi. Żgur li dan l-ammont kbir m'għandux jittieħed b'sorpriża hekk kif dik il-ħabta, fl-irħula kollha Maltin, kienet xi ħaġa rari li l-għarajjes ma jkunux mill-istess raħal. B'kuntrast qawwi ninnotaw li mit-total ta' 1004 iżwieġ, 51 biss involvew għarajjes Żebbuġin fil-waqt li 29 involvew nies mill-Belt Valletta. Naraw ukoll li 22 żwieġ involva Karkariż/a fil-waqt li 22 oħra ġew iċċelebrati ma' persuni minn Bir-Miftuħ. Aktar minn hekk wieħed jinnota li ħdax il-barrani biss iżżewgu f'Ħal Qormi tul dan il-perjodu kollu ta' studju. Hawnhekk wieħed irid jirrimarka li dawn il-ftit għarajjes mhux Qriema kienu kważi kollha rġiel għar-raġuni li kien ir-raġel l-aktar li kellu opportunità jiċċaqlaq minn post għall-ieħor. Dan il-fattur ikompli jagħti stampa ċara tal-pożizzjoni inferjuri tal-mara f'dan il-perjodu.

L-ammonti ta' żwiġijiet in ġenerali, mill-banda l-oħra, jagħtu indikazzjoni ċara li l-irħula Maltin f'dan il-perjodu kienu iżolati ferm minn xulxin hekk kif il-moviment bejn raħal u ieħor kien diffikultuż ħafna l-aktar minħabba n-nuqqas ta' żvilupp fil-mezzi ta' transport u komunikazzjoni. Dan jidher biċ-ċar fil-każ ta' Ħal Qormi fejn il-ftit persuni mhux Qriema li żżewġu fir-raħal kienu residenti ta' rħula ġirien bħal Ħaż-Żebbuġ, Birkirkara u Bir-Miftuħ. Barra minn hekk ta' min jinnota li f'Ħal Qormi dik il-ħabta ma kienx hawn attività kummerċjali li setgħet ġibdet in-nies għal raġunijiet ta' xogħol, bħal ma kien hemm fl-ibliet ta' madwar il-port. Filfatt, il-moviment lejn il-Belt Valletta, il-Birgu u l-Isla, kemm mill-irħula Maltin kif ukoll minn barra minn Malta, kien ferm qawwi, proprju minħabba din l-attività kummerċjali fil-Port il-Kbir.

Intant naraw li total ta' 5008 persuna ġew mgħammda fil-parroċċa ta' San Ġorġ bejn l-1563 u l-1634. Tista' tgħid li dawn il-magħmudijiet kollha saru fuq trabi tat-twelid apparti għaxra li kienu jinvolvu lsiera adulti, ħafna minnhom tan-nobbli Qormi Matteo Cassia. Naturalment ħafna minn dawn it-trabi kienu ta' koppji Qriema li żżewwġu fl-istess perjodu fir-raħal fil-waqt li xi oħrajn kienu ta' familji li żżewġu f'xi belt jew raħal ieħor li mbagħad sabu residenza alternattiva f'Ħal Qormi. Naraw li l-akbar numru ta' magħmudijiet ġew irreġistrati f'Jannar, Frar u Novembru fil-waqt li l-inqas numru ta' tfal twieldu fix-xhur ta' Ġunju u Lulju.

Interessanti ninnutaw ukoll li 24 biss minn dawn il-magħmudijiet saru fuq tfal illeġittimi u għalhekk, wieħed jieħu l-impressjoni li f'Ħal Qormi ftit li xejn kienu jitwieldu tfal ta' dan it-tip. Biss hawnhekk ma tistax tiġi eskluża l-possibilita li xi tfal illeġittimi oħra ġew mgħammda f'postijiet fejn l-omm u l-familja ma kinux ikunu magħrufa mar-residenti tal-post bħal fil-Belt Valletta u fit-tliet ibliet. Irridu niftakru li t-twelid ta' tarbija illeġittima kienet xi ħaġa ta' stmerrija għall-poplu reliġjuż ta' raħal bħal Ħal Qormi. Intant, fil-Belt Valletta u fit-tliet ibliet, dik il-ħabta, insibu rata ferm għolja ta' tfal illeġittimi u għalhekk wieħed jasal biex jaħseb li xi wħud minnhom setgħu kienu tfal Qriema.

Bla dubju li t-twelid ta' tarbija kien inissel ferħ kbir fil-familji Qriema, iżda dan il-ferħ spiss kien jinbidel f'niket meta l-omm jew it-tarbija, u xi kultant it-tnejn f'daqqa, kienu jmutu waqt it-twelid. Tassew li dawn it-tipi ta' mwiet ma kienux iseħħu f'Ħal Qormi jew f'Malta biss hekk kif fil-bqija ta' l-Ewropa nsibu wkoll każijiet simili. L-istatiska li toħroġ mill-atti ta' l-imwiet tal-parroċċa San Ġorġ sfortunatament turi li dawn l-imwiet ma kinux xi ħaġa rari f'Ħal Qormi.

Jekk naghtu ħarsa in ġenerali lejn dawn l-atti, naraw li total ta' 972 persuna ġew irreġistrati mejta bejn l-1563 u l-1634. Dan l-ammont żgur li mhux preċiż għal kollox hekk kif kienu ħafna aktar il-Qriema li mietu matul dawn is-70 sena ta' studju fosthom trabi li rari ġew rreġistrati mejta. Mill-banda l-ohra, minn dawn id-972, naraw li 579 persuna nafu kemm kellhom żmien meta mietu. Hawnhekk irridu ngħidu li, mill-istudju li sar, kienet ferm aktar diffiċli tiġi stabbilita l-età tal-mewt ta' persuna anzjana hekk kif din l-età setgħet tiġi kkalkulata biss għal dawk il-persuni li nstabilhom kemm l-att tal-magħmudija kif ukoll l-att tal-mewt. Madankollu mill-ftit informazzjoni li għandna nistgħu nikkonfermaw li ħafna Qriema ltaqgħu mal-mewt f'età ferm żgħażugħa, x'aktarx meta kien għad għandhom bejn l-20 u d-29 sena. L-akbar numru ta' nies, fil-fatt, 234, mietu fl-età ta' bejn l-20 u l-24 sena. It-tieni l-akbar ammont, 174 mietu meta kellhom bejn il-15 u d-19 fil-waqt li 115 mietu bejn il-25 u d-29 sena. Irridu ngħidu li din l-istatiska tinkludi wkoll lill-irġiel u għalhekk jidher biċ-ċar li ħafna rġiel Qriema, bħal bqija tal-Maltin, mietu fl-aqwa tagħhom, meta kienu l-aktar produttivi għall-pajjiż. Hawnhekk wieħed ma jistax ma jsemmix l-imxijiet ta' mard infettiv li kienu jaħkmu lil gżiritna u b'mod speċjali lil Ħal Qormi. Il-pesta ta' l-1592 u l-marda tal-ġidri ta' l-1631 huma żewg eżempji tipiċi fejn għexieren ta' Qormin mietu, il-biċċa l-kbira minnhom tfal u żgħażagħ.

La semmejna l-pesta ta' l-1592 ta' min jgħid ukoll li din l-imxija laqtet lil Ħal Qormi fl-istaġun tas-sajf, probabbilment fix-xahar ta' Awissu. F'dan il-perjodu wieħed jissoponi li l-Qriema talbu bis-sħiħ l-interċessjoni ta' San Sebastjan hekk kif dan il-qaddis kien diġa' meqjum fir-raħal bħala l-padrun ta' kontra l-pesta u l-impestati. Il-qilla tas-sajf Malti, mill-banda l-oħra, jidher li kien ikidd lill-Qriema anke f'perjodi meta ma kienx ikun hawn mard inkurabbli u dan nistgħu narawh mill-fatt li l-akbar numru ta' persuni, ta' kull eta', ltaqgħu mal-mewt proprju fix-xhur ta' Awissu, Settembru u Ottubru.

B'hekk nistgħu nikkonkludu li l-ħajja għall-familji Qriema tas-sekli 16 u 17 ma kinetx waħda faċli. Dan joħroġ biċ-ċar mill-istatistika kollha li rajna, kemm dik taż-żwiġijiet u l-magħmudijiet kif ukoll dik relatata ma' l-imwiet. Mara tipika Qormija, per eżempju, barra li tgħaddi ħajjitha f'ċertu faqar komparat mal-lum, kienet sfurzata soċjalment biex tiżżewweġ u għalhekk tgħaddi ħajjitha f'riskju kbir kull meta twelled tarbija. Dan barra l-ħafna mard infettiv li spiss kien iħarbat familji kbar fl-aqwa tagħhom. Madankollu, fuq nota differenti ngħidu li Ħal Qormi ma kienx xi eċċezzjoni għal dawn iż-żminijiet meta nqisu li hafna rħula oħra Maltin u anke Ewropej kellhom problemi simili. Ngħidu biss li Ħal Qormi, minkejja n-nuqqasijiet kollha, xorta għaraf jikber u jistgħana u dan jidher biċ-ċar minn hafna fatturi fosthom il-popolazzjoni li dejjem baqgħet tikber u anke l-bini ta' postijiet preġjati, fosthom il-knisja parrokjali u djar importanti oħra.

Referenzi:


1. Arkivji Parrokjali Ħal Qormi- magħmudijiet, żwiġijiet u imwiet (1563-1634).
2. Borg A.P. "Qormi 1560-1635: A Demographic Overview" B.A. (Hons.) 1999.
3. Borg A.P. "Migration and Mobility in Early Modern Malta- The city of Valletta as a case-study" M.A. 2003.
4. Borg V. "Birgu: A Demographic Overview" B.A. (Hons.) 1999
5. Cassar, C., "Society, Culture and Identity in Early Modern Malta." (Malta 2000)
6. Koenigsberger H.G., Mosse G.L., Bowler G. "Europe in the sixteenth century" (Londra 1989) Mallia Milanes V. ed. "Hospitaller Malta 1530-1798"
7. Mercieca, S., "Community Life in the Central Mediterranean- A Socio-Demographic Study of the Maltese Harbour Towns in Early Modern Times- Bormla (1586-1815)." Ph.D. 2002.


*L-istatistika kollha li toħroġ f'dan l-artiklu ġiet maħduma taħt is-superviżjoni ta' Dr Simon Mercieca. permezz ta' programm specifiku tal-kompjuter li jgħin fl-istudju tad-demografija storika.